**FIL-PRIM'AWLA**

**TAL-QORTI CIVILI**

**ONOR. IMHALLEF**

**IAN SPITERI BAILEY**

**Illum, l-Erbgha, 29 ta' Novembru, 2023**

**Rikors Nru: 1270/2023 ISB**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 2080/20233 fl-ismijiet:**

**PERIT ROBERT VELLA (KI 174969M)**

**VS**

**RHYS LEE BUTTIGIEG (KI 389087M) F'ISMU PERONALMENT U IN RAPPREZENTANZA TA' ROCKCUT LIMITED (C-10164)**

Il-Qorti:

**Digriet moghti in camera ai termini tal-Artikolu 836(4) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta**

Rat ir-Rikors ta' Rhys Lee Buttigieg u Rockcut Limited tas-7 ta' Novembru 2024, fejn talbu, ghar-ragunijiet minnhom hemmek premessi, sabiex din il-Qorti:

i. **Tirrevoka in toto** dan l-att kawtelatorju;

ii. **Tikkundanna** lis-sekwestrant jressaq kull att gudizzjarju, a spejjes tieghu, sabiex jitnehha l-effetti ta' l-att kawtelatorju msemmi hekk kif mitlub fl-ewwel talba u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

iii. **Taghti l-fakolta'** lill-esponenti illi fin-nuqqas tas-sekwestrant milli jikkonforma ruhu mat-tieni talba, l-esponenti jkunu jistghu jressqu l-opportuni atti giudizzjarji, a spejjes tal-istess sekwestrant, sabiex jitnehhew l-effett tal-att kawtelatorju indikat hekk kif mitlub fl-ewwel talba;

iv. **Tordna u tikkundanna** lis-sekwestrant biex ihallsu dik il-penali lill-esponenti skond l-Artikolu 836(8) Kod. Proc. Civ. kif mfisser f'dan ir-rikors;

v. **Tordna u tikkundanna** lis-sekwestrant biex ihallas dawn id-danni lill-esponenti skond l-Art.836(9) Kod. Proc. Civi. kif imfisser f'dan ir-rikors;

vi. **Tordna u taghti** kull ordni u/jew provvediment iehor opportun, necessarju u/jew mehtieg sabiex dawn il-precedenti talbiet, kollha jew in parti, jigu effettivament imharsa u/jew ezegwiti;

vii. **Tikkundanna** lis-sekwestrant jhallas l-ispejjes tal-prezenti proceduri jekk jintwera li l-oppozizzjoni tal-istess ghall-prezenti talba tkun ingiustifikata.

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-13 ta' Novembru 2023;

Rat in-nota tar-Rikorrenti tas-17 ta' Novembru 2023 minn fejn jirrizulta illi r-rikorrenti qed jibbazaw it-talbiet taghhom ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) u (f);

Rat ir-Risposta tal-intimati tal-21 ta' Novembru 2023;

Rat l-Artikolu 836 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi dawn il-proceduri gew inizjalati wara illi gie pprezentat Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju mill-Perit Robert Vella kontra l-hawnhekk rikorrenti li jgib in-numru 2080/2023.

Illi t-talbiet lil din il-Qorti f'din il-procedura sabiex il-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju **jithassar in toto** qeghdin isiru essenzjalment peress illi l-hawnhekk rikorrenti, is-sekwestrati, jikkontendu illi l-pretensjonijiet tal-Perit sekwestrant gew avvanzati permezz ta' ittra ufficjali 125/2023 ai termini tal-Artikolu 166A tal-KAP 12 li hija nieqsa mill-formalitajiet mitluba mill-ligi. Jikkontendu illi l-ittra ufficjali de quo ma gietx guramentata u lanqas ma kienet imfissra b'mod car ir-raguni ghal dik it-talba.

Fil-mertu huma jsostnu illi huma qatt ma talbu s-servizzi tal-Perit sekwestrant u ir-rikorrenti Buttigieg ma ghandu ebda rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti.

Jsosntu ghalhekk illi l-ammont mitlub mhux prima facie giustifikat, u fit-tieni lok illi fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli illi jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-Perit sekwestrant, hawnhekk intimat, jilqa' ghal din il-procedura billi jghid illi s-sekwestrati naqqsu milli jottempraw ruhom mas-sub-inciz (2) tal-Artikolu 836 tal-KAP 12 u ma pprezentaw l-ebda dokument in sostenn tal-posizzjoni taghhom. Jghid illi l-ittra ufficjali minnu ppresentat tissodisfa r-rekwiziti tal-ligi. Il-Qorti tosserva illi DOK RV1 li jidher illi kellu jkun anness mar-riposta – fil-fatt ma hux.

**Ikkunsidrat Ultejorment:**

Kif tajjeb kien osservat minn din il-Qorti diversament preseduta[1],

---

[1] **656/2021CFS** *JOHAN HUY F'ISMU PERSONALI U GHAN-NOM U IN RAPPREZENTANZA TA' WHITE SAILS CO. LTD VS MARK ATTARD DEGRETAT FIL-*21 ta' Luju 2021

*Bhala dahla, tajjeb li wiehed izomm f'mohhu, illi mandat kawtelatorju huwa mahsub biex ihares pretensjoni ta' kreditur sakemm tinqata' kawza, halli jekk kawza tinqata' favurih, huwa jkun jista' jenforza s-sentenza fuq il-gid tad-debitur li jkun gie milqut bil-mandat. Fi kliem hafif, il-mandati katwelatorji qeghdin hemm, halli sakemm tinqata' l-kawza, id-debitur ma jahbix flusu jew ma jnaqqasx minn gidu biex dan jevita milli jhallas lill-kreditur f'kaz li d-debitur johrog tellief mill-kawza (ara Ignazio Gatt v. Zakkarija Calleja deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2019). Ghalhekk il-mandati kawtelatorji huma sa certu punt ghodda ta' serhan tal-mohh ghall-kreditur, li huwa ha jkollu minn fejn jista' jithallas jekk jinghata ragun fis-sentenza finali;*

*F'dan il-kaz, il-mandat kawtelatorju maghzul minn Johan Huy pro et noe huwa dak tas-sekwestru kawtelatorju;*

*L-ghan ta' mandat ta' sekwestru, kemm jekk wiehed esekuttiv u kif ukoll jekk wiehed kawtelatorju, huwa dak fejn kreditur ikun irid izomm li ma jghaddux f'idejn id-debitur tieghu, flus jew haga mobbli li jkunu jinsabu f'idejn haddiehor (ara Jimcam Enterprises Ltd v. Charles Zammit et deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' April, 2009);*

*Ma' dan però, jizdied jinghad ukoll, li kif gie mtenni mill-Qorti tal-Kummerc fid-decizjoni taghha Avukat Louis Cassar Pullicino nomine v. Dr. Yana Micallef Stafrace nomine, moghtija fit-13 ta' April, 1991, b'riferenza ghall-gurisprudenza precedenti;*

*«Il-mandati kawtelatorji, appuntu ghaliex isiru fi zmien meta l-kreditu jew pretensjoni ghad ma jkunux gudizzjarjament accertati u stabbiliti, huma odjuzi u d-disposizzjonijiet tal-ligi dwarhom <u>ghandhom jircievu interpretazzjoni rigoruza</u>.»*

*Wara kollox, ghalkemm il-mandati kawtelatorji qeghdin hemm biex iservu ta' tarka ghal min jippretendi li hu kreditur, però, dawn m'ghandhomx jintuzaw bl-addocc u lanqas m'ghandhom jintuzaw bi skop li jweggghu jew ipattu, aktar milli jikkawtelaw (ara Rita Agius v. Nutar Joseph Vassallo Agius deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Settembru, 2013);*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi kif jiddikjaraw ir-rikorrenti sekwestrati fin-nota taghhom hekk kif mitluba mill-Qorti, huma qed jibbazaw it-talbiet taghhom fuq is-sub-incizi (d) u (f) tal-Artikolu 836(1) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa biex jithassar mandat taht l-**Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta, il-qorti trid tistharreg zewg affarijiet: fl-ewwel lok, jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li l-esekutant ghandu bazi ta' pretensjoni; u fit-tieni lok jekk dan wasalx biex jillikwida tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil-mandat (ara *Dr. Henri Mizzi pro et noe v. Jebmed Srl* deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Settembru, 2019);

Dwar l-ewwel rekwizit, il-Qorti tqis illi l-Artikolu 166A(4) tal-KAP 12 jaghti l-fakolta' lid-debitur illi jopponi ghat-talba illi tkun saritlu permezz ta' nota illi huwa ghandu jipprezenta fi zmien tletin jum. Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti sekwestanti naqqsu milli jressqu l-prova semplici illi huma ghamlu dan u konsegwentament il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn, f'dan l-istadju u ghal finijiet ta' dawn il-proceduri, tiddubita dak rikjest ghal finijiet tal-ewwel htiega, fis-sens illi ma jirrizultalhiex illi mad-daqqa t'ghajn, is-sekwestrant ma ghandux pretensjoni xi jressaq.

In kwantu ghat-tieni rekwizit, il-qorti trid tara jekk is-somma indikata fil-mandat taghmilx sens mal-pretensjonijiet dedotti mis-sekwestrant Perit Vella.

L-intimat sekwestrant Perit Vella fir-risposta tieghu giustament jaghmel referenza ghall-Artikolu 836(2) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi l-persuna li taghmel ir-rikors skont is-subartikolu (1), bhal fil-kaz tar-rikorrenti odjerni, ghandhom, flimkien mar-rikors, jipprezentaw is-sottomissjonijiet kollha flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu t-talba taghhom.

L-oneru li l-ammont imsemmi fil-mandat huwa wiehed eccessiv jew mhux gustifikat jaqa' fuq min qieghed jitlob ir-revoka tieghu (ara *Natalia Maggi v. Edward Maggi* deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Settembru, 2000). Ghalhekk mhux bizzejjed ghar-rikorrenti li jghidu fir-rikors taghhom l-ammont mhux gustifikat – izda dan kellhom minimament jissostanzjawh b'dokumentazzjoni – li naqqsu milli jaghmlu.

Huwa ghalhekk illi din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti jittentaw it-thassir in toto tal-Mandat ta' Sekwestru de quo anke fuq il-bazi illi dan mhuwiex ragonevoli li jibqa' jinzamm fis-sehh jew mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli skont l-**artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni *Angelo Borg et v. Anthony Sciberras* deciza fis-7 ta' Mejju, 2010 fissret li *Kuntrarjament ghall-kazi l-ohra msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 836(1) jidher li l-paragrafu (f) fuq citat jaghti diskrezzjoni qawwijja lill-Qorti li tkun qed tikkunsidra t-talba billi hemm jintuzaw il-kliem "ragonevoli" u "gustifikabbli". Dan ipoggi aktar piz fuq il-gudikant meta jigi biex jipprovdi fuq it-talba li tkun qeghda quddiemu*.

Dan meqjus però, din il-qorti taqbel ukoll mal-fehma espressa f'dawk id-decizjonijiet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn inghad li l-artikolu 836(1)(f), japplika biss fis-sitwazzjoni fejn ikollok wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju li tkun tezisti fil-waqt tal-hrug tal-istess att, izda li ma tibqax hekk tezisti wara l-hrug tal-mandat (ara *inter alia Tyrell Corporation Limited v. Yirun Europe GmbH et* tal-14 ta' Jannar, 2021, *Western Company Limited v. Anthony Lia et* tad-29 ta' Settembru, 2020, *Bartholomeo Bonett et v. George Borg et* tat-23 ta' Ottubru, 2007 u *Dr Tonio Fenech noe v. Dr Patrick Spiteri et noe et* tat-3 ta' Awwissu, 2001);

Dak li jghodd ghalhekk biex tista' tithaddem din id-dispozizzjoni huwa li jintwera minn min irid li jithassar il-mandat, li wara l-hrug tal-mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' ghal kollox jew f'parti minnu fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "*jinzamm*" u "*aktar mehtieg*" li jinsabu fl-imsemmi artikolu 836(1)(f), liema kliem jaghtu x'jifhmu li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-mandat, issa m'ghadux il-kaz (ara *Ivan John Debono v. Antoine Vella*, deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Jannar, 2021);

Il-bdil li ghalih japplika dan is-subinciz irid ikun wiehed li jolqot ic-cirkostanzi ta' bejn il-partijiet u mhux lejn terzi (ara *Angela Busuttil Naudi v. Stephen Busuttil Naudi* deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Awwissu, 2009);

Fil-kaz taghna, ir-rikorrenti ma semmew l-ebda grajja gdida fir-rikors taghhom, li sehhet wara l-hrug tal-mandat in kwistjoni.

Ghalhekk din il-Qorti lanqas ma tistax tilqa’ it-talba tar-rikorrenti fuq din it-tieni talba maghmula ai termini tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Gja la darba il-Qorti sejra tghaddi biex tichad **l-ewwel talba**, konsegwentament hija sejra ukoll tghaddi biex tichad **il-bqija tat-talbiet** maghmula.

**GHALDAQSTANT,** ghar-ragunijiet moghtija, din il-qorti qieghda tipprovdi dwar ir-rikors tas-7 ta’ Novembru 2023 billi tichad it-talbiet kollha mressqa mill-hemmhekk rikorrenti, bl-ispejjes kontra taghhom.

**DIGRIET MOGHTI IN CAMERA LLUM 29 TA’ NOVEMBRU 2023**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**